MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 2622/1999/1

**Albert u Astrid konjugi Gambina**
**bhala kuraturi ad litem ta' binthom minuri Carla Gambina**

**vs**

**The Golden Shepard Group Limited bhala socjeta' operatrici tal-Isptar St. Philip's kif ukoll Astrid Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tal-1 ta' Dicembru 1999 li jghid hekk:

Premess illi fl-14 ta' Jannar, 1999, twieldet fl-Isptar St. Philip's it-tarbija, Carla, bint l-atturi Albert u Astrid konjugi Gambina;

Premess illi rrizulta wara l-hlas, li t-tarbija sofriet ticrita (rupture) fl-ispalla l-leminija jew f'termini medici sofriet "a traumatic right post-ganglionic brachial plexus lesion", kif jirrizulta ahjar mill-anness certifikat rilaxxjat mill-konsulent mediku Dr. A. Galea Debono datat 18 ta' Ottubru, 1999, hawn anness u mmarkat Dok AG1;

Premess illi t-tarbija Carla Gambina sofriet din il-kondizzjoni waqt il-hlas, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Premess illi rrizulta wkoll li din il-kondizzjoni setghet giet evitata kieku ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha opportuni sia mill-konvenuta Camilleri kif ukoll mill-amministrazzjoni tal-Isptar in tempo vergine;

Premess illi t-tarbija, bint l-atturi, sofriet dizabilita permanenti kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Premess illi l-konvenuti, jew min minnhorn, huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi, fil-kwalita taghhom premessa, minhabba traskuragni u imperizja, da parti taghhom;

Premess illi l-konvenuti, interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti in vista tal-premess ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li t-tarbija, bint l-atturi, Carla Gambina, sofriet "a traumatic right post-ganglionic brachial plexus lesion" waqt il-hlas minhabba traskuragni u/jew imperizja tal-konvenuti, jew min minnhom;

2. tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fil-kwalita taghhom premessa;

3. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendi bl-opra ta' periti nominandi;

4. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispezz inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Mejju 1999 u bl-imghax legali mid-data tat-twelid tat-tifla Carla Gambina sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta konvenuta bhala operatrici tal-Isptar St. Philip's Hospital u d-dipendenti taghha ma naqsu bl-ebda mod fil-konfront tal-atturi nomine, izda agixxew bil-hila, diligenza u prudenza necessarja.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-eccezzjonijiet ta’ Dr. Astrid Camilleri li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-eccipjenti uzat id-diligenza u l-prudenza rikjesta mill-ligi fl-esercizzju tal-professjoni taghha fit-twelid tal-minuri Carla Gambina kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti inkluz ir-rapporti dettaljati tal-espert legali u l-espert mediku mqabbda mill-Qorti;

Rat li l-kawza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghal mal practice kontra t-tabiba Dr. Astrid Camilleri li welldet lil bint l-atturi Carla fl-14 ta’ Jannar 1999. Jirrizulta u dan mhux kontradett illi waqt il-hlas it-tarbija sofriet ticrit fl-ispalla l-leminija. Il-kwistjoni

sottoezami hu jekk id-dannu li sofriet it-tarbija kienx jahti ghalih xi hadd mill-konvenuti.

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hi wahda ta’ natura medika specjalizzata, u cioe jekk sarx dak kollu ragonevolment pretiz mill-professjonist mediku u l-isptar li kient rikoverata fih l-attrici qabel u meta waslet biex titwieled it-tarbija u jekk id-dannu rizultanti setghax b’xi mod jigi attribwit ghal xi nuqqas da parti tal-konvenuti fl-operat rispettiv taghhom.

Jibda biex jinghad illi f’materji specjalizzsati bhalma huma dawk medici specjalment fejn jidhlu interventi, proceduri u protokoll rikjest, il-Qorti hafna drabi tistrieh fuq ir-rapport tekniku liema rapport ma ghandux jigi skartat kapriccozament u l-Qorti ghandha biss tiskartah meta l-konkluzjonijiet raggunti jidhru fic-cirkostanzi tal-kaz bhala irragonevoli. Tali konvinzjoni trid tkun ibbazata fuq ir-raguni li jpoggi fid-dubju l-opinjoni teknika.

Il-perizja medika kkonkludiet illi la l-konvenuta u anqas is-socjeta konvenuta ma kellhom responsabilta f’dak li gara.

Il-gurisprudenza tghallima illi:
ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbah aktar in-natura ta' kuntratt, b 'dan, pero, li mit-tabib mhux mistenni dejjem rizultat possittiv, ghax l-obbligazzjoni tieghu mhux dik di risultato izda di mezzi, fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bhala li 'egli e' tenuto ad usare la diligenza che la natura dell' attivita esercitata esige' (Corte Cassazione d'Italia, 21 ta' Lulju, 1989; kaz Numru 3476). Dan ifisser li jilwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirurgiku, xi haga, jigifieri, mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta' dik ix-xorta (**Tessie Ellul vs Dr. Astrid Camilleri**, App 28/05/2010).

Dwar il-mertu tal-prova:
ir-regola hi li 'incombe al cliente, il quale assuma di aver subito un danno, I 'onere di provare la diffettosa o inadequate prestazione professionale e il nesso casuale

tra questa e il danno' (Corte di Cassazzione ta' l-Italja 21 ta' Dicembru, 1978. Hekk ukoll Margaret Brazier (Medicine, Patients and the Law - Penguin Books, 1987 Edit. Pg. 80) tinnota li 'proving negligence by the doctors does not conclude the case in the patient's favour. He must also show that his injury, his :r;rsened or improved condition, was caused by the doctor's negligence' (**Rose Gauci et vs Mr Donald Felice et**, App 31/10/2008).

In kwantu ghal valutazzjoni tal-prova:
il-Qorti li tigi mitluba tiggudika fuq ghemil ta' professjonist, m 'ghandhiex tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak indikat mill-prattika tal-medicina. Dak li hu mistenni minn kirurgu hu li jikkonforma ruhu ma' dak li jrid il- 'general medical practice' u mhux ma' dak li l-Qorti jidhrilha li ghandu jsir (**Rose Gauci et vs Mr Donald Felice et**, App 31/10/2008).

Biex tabib, jew f’dan il-kaz, anki l-isptar jinstab hati ta’ negligenza u konsegwentement responsabbli ghad-danni jridu jigu sodisfatti zewg rekwiziti stabbiliti fil-kaz **Dunne vs National Maternity Hospital (1989) IR 91**:
Principles thus laid down ... can in this manner be summarized:

1. The true test for establishing negligence in diagnosis or treatment on the part of a medical practitioner is whether he has been proved to be guilty of such failure as no medical practitioner of equal specialist or general status and skill would be guilty ofif acting with ordinary care.

2. If the allegation of negligence against a medical practitioner is based on proof that he deviated from a general and approved practice, that will not establish negligence unless it is also proved that the course he did take was the one which no medical practitioner of like specialization and skill would have followed had he been taking the ordinary care required from a person of his qualification.

Jidher f’dan il-kaz illi l-attrici dahlet l-isptar biex twelled it-tarbija taghha. Prezenti waqt it-twelid kien hemm il-

konvenuta Dr. Astrid Camilleri, il-midwife Catherine Sammut, il-pedjatra Dr. Mark Bailey u l-matron Helen Muscat. Waqt il-hlas deher illi ras it-tarbija ma hargitx kompletament u ma kinitx mdawwra kif suppost biex tiffacilita li l-bqija tal-gisem johrog bla tfixkil. Il-midwife ippruvat fizikament tghin il-hrug tat-tarbija pero ma rnexxilix u ghalhekk interveniet Dr. Astrid Camilleri. Hi tixhed hekk f'diversi partijiet tax-xiehda:
Niftakar li l-attrici kienet distressed hafna bl-ugiegh u very emtional. Il-pushing kien difficli. Nahseb li hen hemm madwar 5 persuni waqt il-hlas pero Helen Muscat dahlet, cioe l-hames persuna, meta giet ravvizata xi problema.

Il-konvenuta stqarret li "meta rajt ras it-tarbija indunajt li kien ser jkun hemm problema". Ziedet tghid ukoll li "... meta tohrog ir-ras it-tarbija tinqaleb la genbha. Dan il-movement it-tarbija ma ghamlitux. Fil-fatt niftakar ukoll illi c-chin ma harigx kollu. Kien proprju f'dan l-istadju li jiena intervjenejt. Ordnajtilhom sabiex itellghu saqajn il-pazjenta il-fuq f'dik li nghidulha litotomy position. Safejn niftakar jiena tlabt lir-ragel tal-pazjenta sabiex jghinha min-naha ta' l-ghonq sabiex hi tkun tista timbotta b'mod effettiv". Dak il-hin staqsiet lil midwife Catherine Sammut biex tghina taghmel supra pubic pressure waqt li ppruvat twelled lit-tarbija.

Qalet ukoll li ippruvat idahhal idejja sabiex tghin l-ispalel jirrotejtjaw, izda tant kien kollox issikat li ma setatx. Sadanitant talbet lil midwife ittella a syntocinon drip peress li sa dak il-rnument ma kellhiex bzonn, u dan sabiex jghinu lill-attrici timbotta ahjar, peress li l-maternal effort kien nieqes. Dan il-syntocinon drop kien fit-trolley hdejn l-attrici. Il-konvenuta tghid ukoll li hija staqsiet ghal episiotomy scissors ghax kellha hsieb li taghmel qasma sabiex tiffacilita l-process. Pero, tghid il-konvenuta "la d-drip u lanqas l-episiotomy scissors ma lhaqtx uzajt ghax il-baby twieled". Il-konvenuta ziedet tghid li "frankament is-scissors ma kienux ser jghinu l-ghaliex il-problema kienet izjed il-fuq", Meta l-konvenuta giet mistoqsija ghalfejn hasset il-htiega li tirrikorri ghal episiotomy scissors meta skond hi ma hassietx li dan kien necessarju, hija wiegbet "li ma kienx necessarju in hindsight u dan peress li l-

perineum kien relaxed u l-ispalla wahlet izjed il-fuq". Ziedet tghid li "xi tip ta' gbid u rotation irid isir bilfors l-ghaliex inkella l-baby ma jehux ossigenu Jew jghix with a cerebral palsy Jew imut". Meta giet mistoqsija jekk kienitx qed tigbed hafna lit-tarbija u kienitx ippanikjata, l-konvenuta qalet "li kien hem m problema u ridt insolviha. F'dak il-mument jiena hassejt li dak li ghamilt dak il-hin kien 1-ahjar li stajt naghmel u dan sabiex insalva l-hajja tat-tarbija". Ziedet tghid li "l-baby kienet imwahhla sew u allura sabiex tkun tista titwieled riedet tintuzaforza sew".

Il-konvenuta ziedet tghid li hi kienet taf li kien hemm il-possibilita li meta titwieled it-tarbija kien ser jkun hem m il-problemali fil-fatt giet riskontrata. Pero, tkompli tghid il-konvenuta, kellha cirkostanzi ohra bhal dawn fejn it-twelid umbaghad ikun normali u ohrajn fejn ikun jehtieg xi ftit fisioterapija. Finalment, il-konvenuta tammetti li "gara li gara lit-tarbija huwa minhabba dan it-tigbid".

Ghar-rigward tat-tul ta' minn meta harget ras it-tarbija sakemm harget kompletament, il-konvenuta tghid li "kien hemm inqas minn 5 minuti".

Meta giet mistoqsija kif kienet tikkunsidra t-tqala ta' l-attrici u l-eventwali hlas, il-konvenuta qalet li kienu "normal risk".

Dwar il-gbid li sar fuq it-tarbija, l-konvenuta tghid li kien hemm gbid sew u li kieku dan ma sarx it-tabija ma kienetx titwieled hajja. Mistoqsija kemm damet tigbed lit-tarbija, l-konevnuta tghid li ma damitx il-hames (5) minuti kollha, pero' bdew isiru l-manuvri hekk kif appena ndunat li kien hemm il-problemi. Il-konvenuta ziedet tghid li kieku ma sarx il-gbid, it-tarbija kienet tifga u dan peress li minkejja li tkun harget ir-ras, is-sider ma jkunx jista' jespandi. Dan, tghid il-konvenuta, jghidulu hypoxia u cioe nuqqas t'ossigenu. Qalet ukoll li tarbija tista ddum f'din i1-posizzjoni qabel ma tigri i-hypoxia madwar 4 jew 5 minuti. Pero' jista' jkun li jigri xi tip ta' avveniment iehor bhal celebral palsy.

Fil-fatt wara t-twelied billi t-tarbija kienet blu, il-pedjatra intervjena mill-ewwel biex ighin lit-tarbija tiehu n-nifs bi proceduri medici appoziti.

Saru allegazzjonijiet mill-attrici li kien hemm sinjali qabel il-hlas li l-konvenuta naqset li tirraviza cioe l-kobor tat-tarbija u l-fatt li l-attrici kellha high blood pressure fit-tqala li jikkontribuwixxi ghal kobor mhux fil-linji nomali ta' tarbija. Dawn gew skartati mill-espert mediku Dr. George Buttigieg li fil-qosor kif sintetizzati abilment mill-perit legali ighid hekk:
i. it-tarbija ghalkemm kienet kbira meta twieldet (3.86kgs) ma kienitx "excessively big by statistical and comparative studies". Minkejja dan, xorta wahda kien hemm "shoulder dystocia" (fol. 405);

ii. Fit-8 ta' Jannar, 1999 sar l-ahhar ultra-sound. Minn dan i-ultra-sound irrizulta li ghalkemm it-tarbija kienet ikbar milli suppost kienet, il-piz taghha kien "well within normal limits". L-estimated fetal weight - dejjem skond dan l-ahhar ultra-sound - "was grossly misleading to Dr. Camilleri, by telling her that altough the baby is bigger than it should be, it is however, well within normal limits (fol. 412);

iii. L-"ultra-sonographer under estimated the foetal weight, by about 20% (fol. 413);

iv. Il-piz attwal i tat-tarbija ta' 3. 86kgs ifisser li l-piz taghha kien fl-"... fl-upper limit of normal range" (fol. 414);

v. L-urina ta' l-attrici giet ezaminata rnill-konvenuta fid-disa' (9) visti li l-hija ghamlet;

vi. Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni biex il-konvenuta taghmel izjed testijiet tad-demm biex teskludi "gestational diabetes mellitus or impaired glucose metabolism" (fol. 418);

vii. Dan il-fatt huwa ulterjorment ikkonfermat mill-fatt li meta l-attrici giet ammessa l-Isptar San Luqa taht il-kura ta' Mr. Francis Bonello, meta hija kellha wiehed u tletin

(31) gimgha tqala, u allura meta "gestational diabetes is likely to have made its appearance, no suspicion of such a complication was noted” (fol. 418);

viii. L-antenatal management tat-tqala ta' l-attrici kien korrett u kif suppost;

ix. Il-konvenuta kienet prezenti ferm qabel ma beda t-tieni stadju tal-hlas;

x. Il-midwife Catherine Sammut, li kienet prezenti hija a fully qualified midwife;

XI. Kien hemm prezenti ukoll Or. Mark Bailey, paediatrician;

xii. Meta twieldet Carla, gie osservat li hija kienet qeghda issofri mill-kundizzjoni maghrufa bhala Erb's Palsy li tfisser "the paralysis of certain muscles of the upper limb such that the limb may not be raised from the side and all power is lost in flexing the elbow as well as supinating the forearm that is turning palm of the hand facing upwards" (fol. 422);

xiii. Il-Professur Stephen Montfort ukoll zar lill-attrici minhabba l-kwistjoni ta' l-asthma li l-istess attrici kellha;

xiv. Dr. Mark Bailey ma semma l-ebda problem a ghar-rigward ta' xi apparat li kien nieqes jew li ma kienx qieghed jiffunzjona meta twieldet it-tarbija u allura wiehed jassumi li l-apparat kollhu necessarju ghat-twelid kien disponibbli u in goodfunctioning order;

xv. Huwa ampjament car li c-cervical dilatation ta' l-attrici mhux talli kien normali izda kien eccellenti" (fol. 429);

xvi. Ma kien hemm l-ebda sinjali ta' cephalo-pelvic disproportion meta harget ras it-tarbija" (fol. 429);

xvii. Obstetric experience shows that in cases of shoulder dystocia, the head usually is delivered with difficulty and its forward progress is often accompanied by alternating

retraction - the trutle sign. In this case the head was delivered "beautifully" and this was yet another unfortunately falsely encouraging sign with a number of others" (fol. 434);

xviii. Il-konvenuta wettqet "vaginal manipulation, McRoberts manoeuvre and finally fundal pressure and suprapubic pressure't": Qabel ma saret l-episiotomy u s-syntocinon infusion, it-tarbija lehqet twieldet;

xix. ... fundal pressure is not a method recommended to the modern obstetrician. However here we are faced with a situation where after other manoeuvres had failed, fundal and suprapubic pressure were applied. It was either using a part obsolete method (fundal pressure) or let the baby die jammed between two worlds. I cannot condemn a manoeuvre, which admittedly in combination with others, saved baby Carla's life (fol. 445);

xx. B'referenza ghal dak li qalet il-midwife Catherine Sammut, u cioe li kien hemm gbid tar-ras, anke eccessiv, "I therefore attach no great importance to her comment that there was pulling, even excessive pulling” (fol. 447);

xxi. It is my conclusion that Dr. Astrid Camilleri reacted in the way most obstetricians would have. No evidence exists that medical malpractice in her management led to the causation of the child's brachial plexus injury (fol. 449).

Din il-Qorti rinfaccjata b’dan ir-rapport dettaljat ta’ kull pass li ttiehed qabel u waqt it-tqala u wara l-hlas ma jhalliex dubju ragonevoli f’mohh il-Qorti illi l-konkluzjonijiet tal-espert mediku ghandhom ghal xi raguni ma jigux kondivizi minn din il-Qorti.

Ghalkemm jirrizulta sfortunatament li t-tarbija sofriet dannu fiziku fil-hlas, ma ngibitx il-prova ta’ ness ta’ kazwalita rikjesta bejn id-dannu u l-operat ta’ Dr. Astrid Camilleri.

In kwantu ghall-isptar cioe s-socjeta konvenuta jidher li l-ilment tal-attrici hu fis-sens illi ma kienx hemm persuna aktar senior fil-kamra maghha jew fl-isptar fil-hin tal-hlas biex ighinuha f'kaz ta' emergenza. In oltre kienet staqsiet jekk f'kaz ta' emergenza, il-baby kienx jibqa' St. Philip's jew jittiehed St. Luke's u giet infurmata li l-isptar attrezzat b'kollox.

Hi l-fehma tal-Qorti li dak li gara ma tefa' ebda responsabilta ghal xi nuqqas tal-isptar billi Dr. Camilleri kienet persuna kwalifikata fil-kamp taghha, kienet assistita minn midwife u pedjatra u ma jirrizultax li kien hemm xi obbligu fuq l-isptar li jkun hemm xi persuni ohra waqt il-hlas bi kwalifika li lanqas l-istess atturi ma jispecifikaw xi grad jew specjalizazzjoni kellu jkollu. In oltre l-lok fejn sar il-hlas kien attrezzat b'dak kollu necessarju u ma gie ravvizat ebda nuqqas da parti tal-isptar fl-amminmistrazzjoni u thejjija tas-sala fejn kienet qed twelled l-attrici. In kwantu ghal fatt illi t-tarbija intbaghtet St. Luke's minhabba t-ticrit tal-ispalla, dan ukoll ma jidhirx illi kien hemm xi obbligu fuq l-isptar li jkollu Special Care Baby Unit ghal kontingenzi mhux normali bhal ma kien ikun il-kaz ta' twelid b'cesarja li hi pjuttost komuni u wiehed jistenna li l-isptar ikun attrezzat ghal xi komplikazzjonijiet li jinsorgu waqt cesarja. In ogni kaz ma giex pruvat illi t-tarbija giet aggravata fil-kundizzjoni taghha ghax ittiehed St. Luke's u ma baqghetx St. Philip's.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti, u tichad it-talbiet attrici billi ma gewx pruvat illi l-konvenuti kienu responsabbli ghad-dannu soffert min bint l-attrici Carla kawza ta' traskuragni jew imperizja tal-konvenuti. Spejjez jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------